**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**23 ta' Lulju, 2023**

# SĦANA!

Dis-sena wkoll qed nassistu għal mewġa ta' sħana li tifnina u ma tħalliniex nagħmlu xogħol fix-xemx u lanqas tħallina nistrieħu kif nixtiequ. Kulħadd jistenna t-temperatura tinżel u ż-żiffa ħelwa tgħaddi minn fuq wiċċu.



Trid u ma tridx tibda taħseb aktar fuq jekk id-dinja waslitx f'punt ta' no return.

Ix-xjentisti ilhom javżawna li d-dinja miexja għal sitwazzjoni fejn it-temperatura medja titla' u ma tkunx tista' tinżel. Hawnhekk ta' min isemmi t-tagħlim li tagħtina l-Knisja permezz tal-papa/profeta Franġisku. Snin ilu huwa kien tana dik l-enċiklika *Laudato Si* li fiha jgħallimna li għandna nirrispettaw il-ħolqien. L-idea fundamentali ta' din l-enċiklika hija li għandna nirrispettaw ir-relazzjoni bejn Alla, il-bniedem u l-ħolqien. L-enċiklika tikkundanna l-konsumiżmu u l-iżvilupp irresponsabbli, li minnu ma aħniex neqsin f'pajjiżna. Il-Papa jsemmi wkoll il-qerda tal-ambjent u l-global warming.

Papa Franġisku sikwit jgħid li rridu nieħdu ħsieb "id-dar komuni" li hija d-dinja li ngħixu fiha.

Riflessjoni li jagħmlu l-popli tal-Amerika Latina, meta jaraw kif it-temp qisu pendlu ta' estremitajiet ta' nixfa u għargħar, meta jaraw kif artijiet enormi li kienu foresta issa saru deżert, meta jaraw l-għoljiet kollha siġar jiddewbu f'ħama u valangi, meta dawn il-popli jaraw dan kollu jħobbu jgħidu, "Alla jaħfrilna dejjem, in-nies jaħfrulna xi drabi imma n-natura ma taħfrilna qatt". Forsi b'dan kollu l-ħolqien qiegħed jgħidilna nirrispettawh u mhux nisfruttawh biss.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**GRUPP TA' TALB TA' PATRI PIJU:** nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju fil-kappella tas-Sorijiet. Nibdew bl-Adorazzjoni fil-5:30pm u wara jkun hemm il-Quddiesa. Dejjem ninkludu l-morda u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna.

**HIGH TEA B'RISQ IL-MISSJONI:** Ġorġi u Nicola, koppja żagħżugħa, se jkunu qed jagħmlu esperjenza l-missjoni f'Awwissu li ġej. Huma se jkunu qed jgħinu lil Dun Anton Grech fil-Gwatemala. Għaldaqstant, huma qed jorganizzaw high tea bħala l-aħħar attività tagħhom qabel jitilqu. Dan se jkun fit-30 ta' Lulju, fis-sala tal-Aurora, ir-Rabat, u jibda fis-7:00pm. Inħeġġukom tattendu biex tgħinu lill-missjoni.

**JIEN X'NISTA' NAGĦMEL?**

*Nibża' għall-ilma
*Ma nagħmilx vjaġġi bil-karozza bla bżonn
*Nitfi d-dawl meta ma jkollix bżonnu
*Nuża l-plastik mill-inqas
*Inħawwel is-siġar sabiex nipproduċi l-arja tajba
*Ma naħlix ikel



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am